# ID-DWELL F'MALTA (4)



JOSEPH SERRACINO



F'diversi kitbiet dwar is-suġġett li fuqu hi msejsa din is-sensiela tissemma' ta' spiss triq dejqa fil-Belt Valletta bħala l-unika triq li fiha kien imħolli li jsir id-dwell. Il-Konti ta' Borch fil-kitba tiegħu dwar id-dwell f'Malta (1782) jgħidilna, li d-dwell kien isir fi triq dejqa maġenb il-Palazz tas-Sultan u hawnhekk dan il-kittieb kien qiegħed jirreferi għal Triq Frederiku u mhux għal Strada Stretta kif jaħsbu ħafna.

Peress li l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kien wieħed religjuż u jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Papa, il-Gran Mastru Hughues Loubens de Verdalle (1581-1595) kien talab lill-Kap tal-Knisja biex jiddelega r-rappreżentant tiegħu f'Malta biex jaħfer din l-offiża serja (tad-dwell) peress li hu kien irrealizza, li ħafna mill-kavallieri kienu qegħdin isibuha faċli ħafna li jagħmlu vanganza f'Ruma bi skuża li l-maħfra konfessjonali kienet riżervata u setgħet tingħata biss mill-Papa.

Peress li mal-medda tas-snin dan il-vizzju kompla jiżdied, l-Inkwiżitur fil-kapaċità tiegħu bħala delegat tal-Papa ħafer bosta offiżi, iżda dan wassal biex ħafna mill-kavallieri bdew jaħsbu li d-dwell ma baqax jitqies bħala offiża gravi bħalma kien fl-imgħoddi, u li għalhekk kienet faċli li tinkiseb il-maħfra konfessjonali.

Beżgħana li d-dwell seta' jkompli jiżdied fost il-kavallieri u bil-ħsieb li jitnaqqas drastikament, is-Santa Sede ordnat lill-Inkwiżitur biex iżomm sigrieta l-fakultà mogħtija lilu mill-Papa u biex joqgħod attent li ħadd ma jieħu impressjoni li l-maħfra sagramentali setgħet tinkiseb faċilment.

Fil-fatt fl-1667 is-Santa Sede waqfet din il-fakultà lill-Inkwiżitur u ordnatlu biex jixli formalment quddiem it-tribunal lil dawk kollha suspettati li ħadu sehem fid-dwell.

Għalkemm il-kavallieri li kienu jidwellaw fil-Belt Valletta ma kinux jiġu magħduda bħala ħatjin ta' reat, mhux kulħadd seta' jidwella b'mod speċjali dawk il-kavallieri li kienu jkunu qegħdin jagħmlu t-taħriġ tagħhom fuq ix-xwieni. Dawn, jekk jinqabdu jidwellaw jiġu magħduda bħala ħatja u jeħlu l-priġunerija. Iżda kif jiġri dejjem, malmilja tas-snin, dawn il-liġijiet nbidlu jew naqqsu mill-pieni ħorox għall-kavallieri, iżda liġijiet l-oħra li kienu saru għall-Maltin u l-barranin li kienu jgħidu li ħadd ma seta' jidwella, u min jinqabad jeħel pieni ħorox anke għal dawk li jagħtu sehemhom f'kull tip ta' dwell baqgħu jgħoddu anke fiż-żmien il-ħakma Ingliża.

Iżda huwa fatt magħruf, li minkejja l-liġijiet ħorox li għamlu l-Gran Mastri biex jikkontrollaw kemm jistgħu din id-drawwa fost il-membri tal-Ordni, id-dwell xorta waħda baqa' jsir f'postijiet 'l bogħod mill-Belt u mill-ispjuni tal-Gran Mastri. Dwell ieħor li ħalla wieħed mill-protagonisti mmankat għal għomru sar fl-għodwa tat-13 ta' Lulju 1764 bejn żewġ kavallieri Franċiżi.

Ir-raġuni ta' dan id-dwell kienet kemmxejn stramba u l-ferut involut daħal fih intortament. Jidher ċar li l-Kavallier Franċiż Le Bruttuniere kellu karattru stramb jew kemmxejn selvaġġ għax sħabu unimament qablu bejniethom li ma jħalluhx jiekol fuq il-mejda magħhom. Għalkemm kienu jafu li ma setgħux jiksru r-regoli tagħhom, u li din il-kwistjoni delikata setgħet taqla' preċedent kbir, b'danakollu huma kienu fermi fid-deċiżjoni tagħhom u assolutament riedu lil xi ħadd iwassallu l-messaġġ tagħhom. Mid-dehra ħadd minnhom ma ried jinkariga ruħu jwassallu din il-bxara għax ilkoll basru x'kienet se tkun ir-reazzjoni tiegħu, iżda meta finalment iddeċidew li jtellgħu l-isem bix-xorti, l-isfortuna messet lill-Kavallier Deletoie li malli mar għandu u għarrfu bid-deċiżjoni ta' sħabu l-kavallieri, Bruttuniere imtela b'rabja kbira u stiednu għad-dwell.

Il-Kavallier Delatoie, konxju mis-sitwazzjoni li sab ruħu fiha, kif ukoll beżgħan li jekk jirrifjuta l-istedina kien se jitlef ġieħu ma' sħabu, aċċetta l-istedina ta' Le Bruttuniere. Id-dwell sar u Delotoie safa ferut serjament. Wara d-dwell de Bruttuniere ġie arrestat, instab ħati u eżiljat minn Malta.

Għalkemm naqraw li din id-drawwa tad-dwell kienet aktar imfittxija mill-kavallieri, b'danakollu l-istoriċi tagħna ssemmgħu każ li ġara fl-1577 u li fih kien involut Malti, għalkemm ir-raġuni jew mottivi wara dan id-dwell mhumiex magħrufa. Nafu biss li l-Kavallier Fra Cesare Leria li sfida linnutar Matteo Briffa għad-dwell instab ħati u weħel sitt xhur priġunerija fil-kastell.

Mil-lista ta' dwellijiet li saru f'Malta fiż-żmien il-ħakma tal-Ordni wieħed mill-ewwel jintebaħ li mis-seba' lingwi ta' kavallieri li kienu jiffurmaw l-Ordni, il-kavallieri Franċiżi u Taljani kienu l-aktar imqarbin, u naħseb li ma nkunx qiegħed nesaġera meta ngħid li t-Taljani kienu l-aktar avventurużi.

L-istoriċi tagħna, fir-riċerka tagħhom fl-arkivji tal-Ordni jgħidulna, li fid-dwell li sar fl-1584 fl-Irnella bejn żewġ kavallieri Naplitani Vespasiano Longo u Annibale Rocco b'Longo jispiċċa ferut. Insibu wkoll li kull meta l-Kunsill tal-Ordni kien jikseb tagħrif dwar xi dwell, hu mill-ewwel kien jieħu ħsieb li jsiru l-investigazzjonijiet meħtieġa bħalma ġara fl-1595 fil-każ taż-żewġ kavallieri Taljani Carlo Mazzinghi u Ludovico Cassano li kienu involuti fi dwell.

Għalkemm ix-xabla antikament kienet l-arma preferuta għad-dwell, l-ewwel darba li ntużaw pistoli f'Malta kien fl-1596, meta kien sar dwell bejn żewġ kavallieri Sqallin Fra Nicola Zumbo u Fra Jacono Zumbo, żewġt aħwa li mid-dehra ma tantx kellhom biex jiftaħru għall-kondotta tagħhom.

Jissemmew diversi każi ta' dwellijiet oħra fosthom tnejn li saru fl-1761, bl-ewwel wieħed iseħħ fis-17 ta' Ġunju bejn il-Kavallier Sales u Servient Viet meta tal-aħħar safa ferut. L-ieħor sar fis-6 ta' Settembru, meta wieħed mill-protagonisti safa ferut. Fit-13 ta' Jannar 1772 fit-8 ta' filgħaxija kien sar dwell minn erba' kavallieri, tnejn kontra tnejn u dawn kienu ż-żewġ kavallieri De Siena kontra l-kavallieri Bonifaċju u Du Seine. Waqt dan id-dwell, li aktarx inqala' wara xi argument, xi wħud minn sħabhom ippruvaw iferrquhom u spiċċaw bi tnejn minnhom sfaw feruti, wieħed f'koxxtu u l-ieħor f'żaqqu.

Fil-25 ta' Marzu 1762 Fra Montefrè ġie sfidat għad-dwell mill-Kavallier Sales u marru jidwellaw fi Triq Frederico. F'ħin minnhom Montefrè ġie midrub f'ġenbu waqt li kien qed jaħrab mid-daqqiet. Mitluf f'dagħdigħa ta' qilla, Montefrè xejjer ix-xabla u laqat lil Sales f'għonqu.

Sales waqa' fl-art u waqt li ammetta t-telfa talab lil Montefre biex jieħdu l-isptar. Montefre kien pront għenu mill-art u wara li ħaddnu miegħu tah f'idejn żewġ kavallieri li nzertaw għaddejjin minn dik it-triq biex jeħduh l-isptar. Montefrè ta' ġentlom li kien mar u għarraf b'kollox lill-Gran Mastru Pinto de Fonseca (1741 – 1773) u ordnalu li jmur dritt id-dar u jibqa' hemm sakemm isiru l-investigazzjonijiet meħtieġa.

Mill-isptar, il-Kavallier Sales talab lill-Gran Mastru jaħfer lil Montefrè għax il-ħtija kienet tiegħu u talbu wkoll biex minnufih jibagħtu l-isptar biex jgħannqu miegħu qabel ma jmut.

Xi kultant wieħed jiltaqa' ma' każi ta' dwell fejn ir-raġuni li wasslet għad-dwell kienet sempliċi pika. Fit-23 ta' Novermbru 1773 sar dwell bejn Kavallier Sqalli jismu Baroni u l-Kavallier Franċiż Prelein li xahrejn qabel kienu l-Falanga flimkien. It-tilwima tagħhom inqalgħet f'teatru waqt kummiedja. Ġara li waqt din il-kummiedja kien hemm għanja li l-Isqalli li ma riedx lill-Buffu jgħanniha waqt li l-Franċiż insista li jkantaha. Din l-għanja kienet il-kaġun tad-dwell li dam sejjer madwar siegħa, b'Baroni jaqsam ix-xabla ta' Prelein u joffrilu li ma joqtlux jekk jagħtiħ kelma li jmur id-dar biex iġib xabla oħra. Mid-dehra l-iskuldier sar bid-dwell u x'ħin Prelein wasal bix-xalba għamilhom paċi.

Matul is-sentejn tal-ħakma Franċiża, il-liġijiet kollha li għamlu il-kavallieri spiċċaw, iżda l-liġi li hawn Malta ma jistax isir dwell baqgħet isseħħ sal-ewwel 50 sena tal-ħakma tal-Ingliżi meta nbiddlet b'liġi oħra, u għalkemm il-kelma dwell ma baqgħet tidher imkien, din il-liġi kienet tgħid li ħadd ma seta' joqtol jew jidrob lil għajru. Sintendi mal-miġja tal-Ingliżi fostna, ma' dawn il-liġijiet żdiedu xi liġijiet militari oħra, fosthom waħda li kienet tgħid li m'għandhomx isiru dwellijiet mill-militar.

*Ikompli f'ħarġa oħra*